MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2008

Numru. 944/2007

Il-Pulizija
(Sp Daniel Zammit u Sp Jesmond Borg)
vs
Joseph John Cutajar, iben Paul, imwieled Pieta' fl-24 ta' ottubru, 1989

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat –
Talli fid-29 ta' settembru, 2007 u fil-ġranet ta' qabel xjentement xtara jew laqa' għandu oġġetti misruqa, li l-valur tagħhom jeċċedi l-mitt lira maltin, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxuhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ frar, 2008 fejn l-imputat irritorna l-flus kollha lil sidhom.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ frar, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali.  Rat il-fedina penali netta ta’ l-imputat, il-fatt li hu minuri u li radd lura kollox.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------